**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A., LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-Vs-**

**TYSON GRECH**

**Illum 22 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **TYSON GRECH** ta' 25 sena, mwieled Pieta, nhar it-12 ta' Ottubru 1995, iben Jacob u Nicholina nee Portelli, resident 64, Flat 1, Triq San Frangisk, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 444995M, akkużat talli bejn l-4 ta' Settembru 2021 u l-5 ta' Settembru 2021 f'dawn il-Gżejjer;

1. Naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' Magistrat Dr. Joseph Mifsud mid-digriet datat 25 ta' Mejju 2021 u li permezz tieghu huwa nghata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Naqas milli jħares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioe' Magistrat Dr. Rachel Montebello mid-digriet datat 9 ta' Settembru 2019 u li permezz tieghu huwa

nghata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li titratta ma l-akkużat bhala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2021;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat;

L-imputat gie mixli li kiser il-kundizzjonijiet ta' zewg digrieti moghtija minn din il-Qorti kif ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Settembru 2019 u fil-25 ta' Mejju 2021, li permezz taghhom huwa nghata l-helsien mill-arrest, u dan meta allegatament instab barra f'hin meta skont l-imsemmija digrieti, kellu jkun rinkazat. Gie mixli wkoll li huwa recidiv.

Mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Jonathan Ransley[1], jirriżulta illi wara li ġie infurmat[2] illi PS 2114, stazzjonata ġewwa l-Għassa tal-Bormla, irċeviet informazzjoni illi l-imputat kien jinsab ġewwa Paceville għall-ħabta tal-1.45 a.m. jew 1.50 a.m. f'ħin lil hinn minn dak stabbilit fid-digrieti li huwa ġiet mogħti l-ħelsien mill-arrest, huwa personalment tela' Paceville u sab lill-imputat ħiereġ mill-istabbiliment Havana għall-ħabta tas-2.00 a.m. b'tazza f'idu. Huwa xehed illi meta staqsih x'kien qed jagħmel barra wara l-ħin tar-rinkażar, l-imputat wieġeb li kien ħareġ biex jieħu drink. Dan m'huwiex kontestat mid-difiża.

L-Ispettur Jonathan Ransely esebixxa wkoll kopja ta' żewġ digrieti li permezz tagħhom l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest: wieħed mogħti minn din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Settembru 2019 fi proċeduri kriminali mmexxija mill-Ispettur Eman Hayman (Dok. JR2) fejn l-imputat ġie obbligat jirtira ġewwa r-residenza tiegħu bejn 8.00 p.m. u 6.00 a.m.; u d-digriet l-ieħor mogħti mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud fil-25 ta' Mejju 2021 fi proċeduri kriminali mmexxija mill-istess Uffiċjal Prosekutur (Dok. JR3) fejn l-imputat ġie obbligat jirtira ġewwa r-residenza tiegħu f'xi ħin filgħaxija[3] u s-7.00 a.m.

Id-difiża ma resqitx provi iżda, fit-trattazzjoni tal-kawza, qajmet il-pregudizzjali illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova meta ipproduċiet biss kopja tad-digrieti li qiegħda tistrieħ fuqhom bħala prova tal-kommissjoni tar-reati addebitati lill-imputat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9. Ġie sottomess illi jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni tressaq l-aħjar prova biex turi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi effettivament, dawk id-digrieti ma ġewx varjati jew mibdula b'xi mod u illi fiż-żmien tal-allegat kommissjoni tar-reat bejn l-4 u l-5 ta' Settembru 2021 kienu għadhom in vigore bl-istess kundizzjonijiet li jidhru fil-kopja prodotta in atti.

---

[1] 7 ta' Settembru 2021.

[2] Minn PC 650.

[3] Għalkemm waqt id-depozizzjoni tiegħu fis-7 ta' Settembru 2021, l-Uffiċjal Prosekutur xehed illi l-kundizzjoni bin-numru 6 tad-digriet tal-25 ta' Mejju 2021 kienet torbot lill-imputat jirrinkaża ruħu mill-"*ħamsa ta' filgħaxija*", għall-Qorti hu ovvju li l-ħin indikat fid-digriet m'huwiex il-5.00 pm. Ghalkemm l-indikazzjoni tal-ħin in kwistjoni m'hijiex daqshekk ċar, hu ovvju li dan il-ħin huwa wieħed "pm" ċioe' qabel nofsilejl. Fil-każ in diżamina, l-imputat instab li kien barra mir-residenza wara nofsilejl.

Issa fil-każ in diżamina il-Prosekuzzjoni produċiet bħala prova tad-digrieti li permezz tagħhom l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt *inter alia* l-kondizzjoni tar-rinkażar, kopja awtentikata mid-Deputat Reġistratur ta' digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Joseph Mifsud fil-25 ta' Mejju 2021, u wkoll kopja awtentikata mid-Deputat Reġistratur ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Settembru 2019: dan kollu bix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur innifsu. Id-difiża ssostni li waħedha, kopja awtentikata tad-digriet relattiv ma' tikkostitwixxix prova biżżejjed tal-ksur da parti tal-imputat tal-kundizzjoni invokata, għaliex biex tissodisfa l-oneru tal-prova inkombenti fuqha għall-prova tal-element materjali tar-reat lilu addebitat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, il-Prosekuzzjoni kellha wkoll tressaq, f'kull każ, ir-Reġistratur tal-Qorti jew Deputat tiegħu biex jikkonferma bil-ġurament mhux biss illi d-digriet relattiv prodott mill-Prosekuzzjoni kien għadu fis-seħħ, iżda wkoll li l-kundizzjoni li tagħha qed jiġi allegat il-ksur kienet għadha tgħodd bl-istess mod fiż-żmien li allegatament ġie kommess ir-reat.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi f'ebda waqt tas-smigħ tal-provi f'din il-kawża ma kien hemm imqar ħjiel ta' kontestazzjoni da parti tal-imputat dwar il-kundizzjonijiet li kienu imposti fuqu meta kien ingħata l-ħelsien mill-arrest Ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur baqgħet ma ġietx kuntrastata u d-difiża naqset ukoll milli titlob li jitressaq biex jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti jew rappreżentant tiegħu sabiex jikkonferma li dawn id-digrieti m'ghadhomx fis-seħħ jew li ġew varjati fil-kundizzjonijiet relevanti li gew imposti. F'kull każ, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiża fir-rigward: fil-fehma tagħha, il-kopja fotostatika, awtentikata bil-firma u t-timbru tad-Deputat Registratur tal-Qorti li erogat id-digriet, flimkien mal-fatt illi dawn id-digrieti ġew esebiti bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur waqt ix-xhieda tiegħu fis-7 ta' Settembru 2021, hija prova bizzejjed biex tikkonvinċi l-Qorti lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar x'kienu l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat.

Magħdud dan kollu, il-Qorti lanqas ma tista' twarrab il-fatt illi d-digriet tad-9 ta' Settembru 2019 (Dok. JR2) inħareġ minnha stess u ġie ffirmat mill-istess ġudikant li

qed tippresjedi f'din il-kawza, filwaqt illi d-digriet tal-25 ta' Mejju 2021 (Dok. JR3) ingħata waqt proċeduri kriminali immexxija mill-istess Uffiċjal Prosekutur li qed imexxi l-Prosekuzzjoni f'din il-kawża li naturalment, ukoll jinsab f'pożizzjoni idonea biex jixhed dwar il-fatti konċernanti l-ħelsien mill-arrest tal-imputat. Fuq kollox, il-Qorti ma rriskontrat xejn fl-atti li juri li dawn iż-żewġ digrieti ma kienux għadhom fis-seħħ bl-istess kundizzjonijiet indikati f'Dok. JR2 u Dok. JR3 fid-data tal-allegat ksur fil-lejl bejn l-4 ta' Settembru 2021 u l-5 ta' Settembru 2021.

Stabbilit illi l-prova li saret permezz tal-kopja taż-żewġ digrieti esebiti in atti hija prova li hi tajba u suffiċjenti għall-fini ta' sejbien ta' ħtija għar-reat addebitat lill-imputat fl-ewwel żewġ akkużi fiċ-Ċitazzjoni, u stabbilit ukoll illi l-imputat kien instab barra f'Paceville għall-ħabta tas-2.00 a.m. fil-5 ta' Settembru 2021, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-imputat kiser il-kundizzjoni tar-rinkażar kif imposta fiż-żewġ digrieti fuq imsemmija. Dan ifisser illi huwa għandu jinstab ħati tar-reat addebitat lilu taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 kif addebitat fl-imsemmija żewġ akkużi.

Huwa minnu illi kif sewwa ġie sottomess mid-difiża waqt it-trattazzjoni finali, jinsab ritenut illi:-

"*Persuna illi ma toqghodx ghall-kundizzjoni illi hija biss kontorn tar-raguni principali għall-helsien mill-arrest hija differenti minn dik illi, jew tkellem lix-xhieda jew ma tidhirx ghall-process. Fit-tieni kaz tkun qed tattakka l-process u tipperikola l-process fih innifshu.*"[4]

Iżda fl-istess waqt u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża, ma jistax jingħad illi l-ksur tal-kundizzjoni tar-rinkażar fejn l-imputat ikun instab barra wara l-hin stabbilit fid-digriet li bih ikun ingħata l-ħelsien mill-arrest, huwa l-iktar ksur *de minimis* u li ma jsarrafx f'konsegwenza relattivament serja. Wara kollox, il-

[4] **Il-Pulizija v. Elaine Muscat** – Qorti tal-Appell Kriminali deċiża 5 ta' Awwissu 2013

kundizzjoni tar-rinkażar hija kundizzjoni valida u leġittima maħsuba mhux biss biex ikun hemm il-kontroll meħtieg biex jiġi assigurat li l-imputat jidher għall-proċeduri - peress illi miżura bħal din tnaqqas il-possibilita` li persuna imputata tallontana ruhha mill-pajjiż jew anke tinħeba – iżda wkoll speċifikatament biex tipprevjeni l-kommissjoni ta' reati oħrajn.

Kif gie ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Italo Grech**[5]:-

*"Ghalhekk kull nuqqas konsistenti fi hrug mid-dar minn fejn suppost hu qieghed taht arrest, hu nuqqas serju w qatt ma jista' jigi konsidrat bhala ksur ta' "portata zghira" kif qed jissottometti l-appellant. Altrimenti kullhadd jibda jirricerka kull pretest possibbli w immaginabbli biex jara kif jehles mill-"house arrest" billi johrog u jidhol x' hin ikun jidhirlu hu."*

Issa fil-każ in diżamina ma jirriżultax illi l-imputat kellu raġuni tajba u valida biex ikun barra mir-residenza tiegħu wara l-ħin stabbilit fid-digrieti msemmija mill-Prosekuzzjoni: jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur illi l-imputat kien ħiereġ mill-istabbiliment Havana ġewwa Paceville għall-ħabta tas-2.00 a.m. u qallu li kien ħareġ biex jieħu drink. **In effetti, il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-ksur tal-kondizzjoni tar-rinkażar jimmanifesta l-istmerrija assoluta li biha l-imputat iqis l-ordnijiet tal-Qorti: ordnijiet li l-imputat, minflok jobdihom jidhirlu li jista' jwarrabhom kif ġieb u laħaq anke għall-iktar raġuni fiergħa u kapriccuża**. M'għandux għalfejn jingħad illi d-digrieti tal-Qorti, fosthom il-kundizzjonijiet li taħthom ġiet akkordata l-ħelsien mill-arrest, għandhom jiġu osservati skrupolożament u *ad litteram* sakemm l-imputat ma jkunx talab u ottjena xi varjazzjoni ta' dawk id-digrieti jew il-kundizzjonijiet tagħhom. Izda kif diġa' ġie stabbilit, f'dan il-każ l-imputat ma wera bl-ebda mod illi l-kundizzjonijiet tar-rinkażar imposta fiż-żewġ digrieti li l-Prosekuzzjoni produċiet in atti, ma kienux għadhom fis-seħħ kif jirriżulta mill-istess digrieti.

[5] Deciza 14 ta' Dicembru 2006.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet fiċ-Ċitazzjoni.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva illi l-Prosekuzzjoni naqset milli titlob, a tenur tas-subartikolu (3) tal-Kap. 579 tal-Kap. 9, ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat u l-arrest mill-ġdid tiegħu f'każ ta' ħtija. Il-Qorti tqis illi biex is-sejbien ta' ħtija tista' tagħti lok ukoll għal ordni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat, din it-talba kellha ssir espressament mill-Prosekuzzjoni għaliex din m'hijiex fost il-pieni applikabbli fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, iżda hija piena addizzjonali li tista' tingħata biss jekk il-Pulizija tagħżel li tagħmel talba taħt l-Artikolu 579(3) tal-istess Kap. 9 waqt il-proċedimenti għar-reat taħt is-subartikolu (2).

Għall-Qorti hu evidenti li l-proċediment li għandha quddiemha l-Qorti hu dak maħsub fis-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 579, u mhux il-proċediment ravviżat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 579[6] fejn "*jiġi maħruġ mandat ta' arrest*" kontra l-imputat li jonqos milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest. Dan qed jingħad għaliex l-imputat ġie mressaq taħt arrest akkużat fiċ-Ċitazzjoni mixli b'imputazzjonijiet imfasslin b'riproduzzjoni tal-kliem tal-liġi fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu. Il-fatt li l-Prosekuzzjoni ċitat l-Artikolu 579(1) fic-Citazzjoni, huwa irrelevanti.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) v. Kevin Gatt**[7], intqal hekk fir-rigward:-

---

[6] Dan is-subartikolu jipprovdi dwar l-effetti tan-nuqqas ta' dehra tal-persuna taħt garanzija u l-ksur da parti tagħha tal-kundizzjonijiet imposti mill-qorti li tkun hija stess tatha l-ħelsien mill-arrest u mhuwiex l-artikolu li joħloq ir-reat li ġie mixli bih l-imputat fil-proċeduri odjerni.

[7] Deċiża 15 ta' April 2008.

" *... il-legislatur ta l-fakolta` lill-Pulizija li meta jressqu lill-imputat jew akkuzat – dan irid jitressaq dejjem taht arrest – talli kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-qorti,* ***huma jistghu wkoll jitolbu istess procedimenti*** *...* ***ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna****. ... Kjarament il-legislatur qed jikkontempla bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-qorti –* ***u meta jittiehdu l-proceduri skond is-subartikoli (2) u (3) ta' l-Artikolu 579*** *– ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid.*" (Emfasi ta' din il-Qorti)

Imbagħad, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Charlot Calleja**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'referenza għall-istess sentenza appena ċitata, kompliet tenfasizza l-ħtieġa tat-talba tal-Prosekuzzjoni biex jista' jiġi ordnat l-arrest mill-ġdid tal-imputat fi proċeduri taħt is-subartikolu (2) tal-Artikolu 579 u qalet hekk:-

"*La s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fil-verbal hawn riprodott, u lanqas il-ligi, ma jirrikjedu li t-talba ssir fic-charge sheet; dak li hu importanti hu li ssir fl-istess procedimenti u, naturalment qabel ma tinghata s-sentenza u b'mod li d-difiza tkun tista' taghmel is-sottomissjonijiet taghha anke fuq dik it-talba. In fatti tali talba anqas hemm bzonn li ssir bil-miktub, ghalkemm huwa dejjem konsiljabbli li ssir hekk biex jigu evitati malintizi, u dan specjalment minhabba l-fatt li certi ufficjali tal-pulizija xi minn daqqiet donnhom jibzghu jasserixxu d-dritt taghhom li talbiet simili jigu verbalizzati korrettement mill-qorti.*"

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat ukoll li huwa reċidiv. Madanakollu, għajr għall-fedina penali tal-imputat, hija naqset milli tipproduċi in atti prova suffiċjenti ta' dan l-addebitu. Kif ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna in materja tal-addebitu tar-reċidiva, il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva. L-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab

imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li kkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li huwa reċidiv.

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, jingħad illi in segwitu għall-emendi reċenti introdotti bl-Att XXIX tal-2021, għalkemm din il-konfiska hija konsegwenza tassattiva ta' sejbien ta' ħtija tar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, il-Qorti ingħatat is-setgħa li tiddeċiedi jekk il-konfiska tkunx tal-ammont fl-intier tiegħu jew ammont parzjali u dan "*skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat*" sabiex jinżamm sens ta' proporzjonalita'.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, kif gia' ġie kkunsidrat qabel, l-imputat kiser l-ordni tal-Qorti bl-iktar mod sfaċċat u ardit meta instab mhux biss barra minn daru wara l-ħin stabbilit għar-rinkażar, iżda addirittura f'post tad-divertiment diversi sigħat wara l-ħin stabbilit talanqas fid-digriet tad-9 ta' Settembru 2019. Iżda fl-istess ħin, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi m'huwiex każ fejn jirriżulta li l-imputat

kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ripetutament, għalkemm għaddew sentejn minn meta ġiet imposta fuqu għall-ewwel darba l-kundizzjoni tar-rinkażar. Effettivament, ma jirriżultax illi huwa diġa' nstab ħati qabel ta' xi ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Filwaqt li dan ma jnaqqas xejn mis-serjeta' tar-reat, il-Qorti ma tqisx illi hemm lok għall-konfiska tal-ammont stabbilit, fl-intier tiegħu.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibux ħati tal-addebitu tar-reċidiva u tilliberah minnu, wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil TYSON GRECH ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah erba' (4) xhur priġunerija u tordna wkoll il-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' elf Euro (€1,000) kif stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tad-9 ta' Settembru 2019[8] kif ukoll il-konfiska tad-depożitu fis-somma ta' ħames mitt Euro (€500) kif stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija bid-digriet tal-25 ta' Mejju 2021[9], b'kollox is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[8] Dok. JR2.
[9] Dok. JR3